MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Numru. 109/2012

Il-Pulizija
(Sp Mario Haber)
vs
Moussa Taloba Amadu, iben Amadu, imwieled fl’Ivory Coast, fl-1 ta’ Jannar, 1990, Karta ta’ l-Identita tal-pulizija numru 08CCC-014

Il-Qorti
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-28 ta’ Jannar, 2012 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer meta kellu fil-pussess tiegħu passaport, maħruġ minn awtorita kompetenti, cioe’ passaport taljan, maħruġ f’isem Coulibali Souleymane, ittrasferixxa dan id-dokument lill-persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ttrasferit lilu minn persuna oħra;

2. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn passaport maħruġ lill-persuna oħra, cioe' dak diġa msemmi;
3. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bħala persuna illi mbarka jew żbarka, minn ġo Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ;
4. talli sar reċidiv billi għamel delitt ieħor fi żmien inqas minn ħames snin minn sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2010 liema sentenza saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' erba' (4) xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------